MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 906/2006

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Spiteri Lewis**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi in forza ta’ liema s-socjeta` attirici qed titlob li l-konvenut Lewis Spiteri ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm238.51) rapprezentanti kont li ghadu dovut in konnessjoni ma’ mobile phone numru 99463571.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Nadia Vella li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut Lewis Spiteri jhallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ mitejn u tmienja u tletin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm238.51) bl-interessi legali dekoribbli mill-prezentata tad-data ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------